IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.1.2021
COM(2021) 33 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## Evalwazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 534/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tipprovdi għajnuna makrofinanzjarja lir-Repubblika tat-Tuneżija

{SWD(2021) 8 final}

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**Evalwazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 534/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tipprovdi għajnuna makrofinanzjarja lir-Repubblika tat-Tuneżija**

F'Mejju 2014, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw[1] operazzjoni ta' AMF ta' EUR 300 miljun biex jappoġġaw lit-Tuneżija fl-indirizzar tal-kriżi tal-bilanċ tal-pagamenti (*balance-of-payment*, BoP) tagħha, li marret għall-agħar wara r-Rivoluzzjoni ta' Jasmine fl-2011 u t-transizzjoni politika u ekonomika sussegwenti. L-operazzjoni ġiet żborżata b'mod sħiħ, fi tliet porzjonijiet, bejn Mejju 2015 u Lulju 2017.

ICF, f'kooperazzjoni ma' Cambridge Econometrics, inħatret bħala kuntrattur estern biex twettaq l-evalwazzjoni *ex post* tal-AMF-I fit-Tuneżija, li fuqha huwa bbażat dan id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni (SWD). L-għan tal-evalwazzjoni esterna kien li tivvaluta r-rilevanza, l-effiċjenza, l-effettività, il-koerenza, u l-valur miżjud tal-UE tal-operazzjoni tal-AMF. Hija esplorat ukoll l-impatt soċjali tal-programm u l-effett tiegħu fuq is-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku tat-Tuneżija. L-evalwazzjoni inkwistjoni tibbaża fuq l-evidenza miġbura permezz ta' varjetà ta' tekniki ta' riċerka kwantitattivi u kwalitattivi, inkluża l-konsultazzjoni tal-partijiet ikkonċernati ewlenin. Ġew identifikati għadd ta' limitazzjonijiet metodoloġiċi; madankollu, dawn ma għandhomx impatt fuq l-affidabbiltà ġenerali tal-analiżi tal-evalwazzjoni. Ir-riskji u l-limitazzjonijiet identifikati ġew mitigati bl-użu ta' firxa wiesgħa ta' sorsi, tekniki ta' evalwazzjoni differenti, xenarji alternattivi u diversi rawnds ta' *feedback*.

L-evalwazzjoni esterna u s-SWD tal-Kummissjoni għandhom l-intenzjoni li (1) jinfurmaw l-użu futur tal-istrument tal-AMF; u (2) jiżguraw it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju[2] u d-deċiżjoni tal-AMF għat-Tuneżija.

L-evalwazzjoni sabet li l-AMF-I kienet **rilevanti** f'termini tal-objettivi, il-pakkett finanzjarju u l-kundizzjonijiet strutturali tagħha. Il-kundizzjonalità tal-politika tal-AMF kopriet l-aktar sfidi ta' riforma rilevanti fit-Tuneżija, jiġifieri: it-tassazzjoni; il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi; ix-xibka ta' sikurezza soċjali (*social-safety net*, SSN); is-settur finanzjarju; is-sistema ta' statistika pubblika; il-kummerċ. Filwaqt li l-pajjiż irnexxielu jikseb riżultati dwar il-kundizzjonijiet ta' riforma kollha miftiehma, kien hemm diffikultajiet fil-qasam tal-SSN u r-riformi kummerċjali. L-evalwazzjoni esterna kkonkludiet li aktar kapaċità mill-istituzzjonijiet Tuneżini rilevanti kienet tiffaċilita progress aħjar f'dawn l-azzjonijiet, minħabba l-isfidi ffaċċjati mill-istituzzjonijiet Tuneżini li għadhom żgħar f'termini ta' kapaċità amministrattiva u sjieda, f'kuntest ta' instabbiltà politika. Din is-sejba enfasizzat ukoll il-ħtieġa li jitfasslu riformi b'mod li jiġu żgurati miri li jistgħu jintlaħqu b'kont meħud ta' kuntest istituzzjonali fraġli u xenarju politiku frammentat, li jista' jdewwem l-implimentazzjoni tal-programm ta' riforma, kif jidher fil-perjodu 2015–2017. Il-fatt li ħafna kundizzjonijiet taħt l-AMF-I (fis-setturi tat-taxxa, tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, tax-xibka tas-sigurtà soċjali u finanzjarji) sussegwentement ittieħdu aktar bħala parti mill-AMF-II jenfasizza l-intenzjoni kondiviża,

[1] Id-Deċiżjoni Nru 534/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tipprovdi għajnuna makrofinanzjarja lir-Repubblika tat-Tuneżija. Disponibbli fis-sit web li ġej: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1476964844762&uri=CELEX:32014D0534

[2] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32018R1046

mill-UE u l-Gvern Tuneżin, li jikkonċentraw l-isforzi biex issir pressjoni għal progress kostanti f'dawn l-oqsma kritiċi ta' riforma.

L-AMF-I kienet **effettiva** biex tgħin fit-titjib tal-BoP tat-Tuneżija, kif ukoll fl-appoġġ għall-konsolidazzjoni fiskali permezz ta' termini finanzjarji u kundizzjonijiet ta' politika konċessjonarji ħafna. L-AMF kopriet madwar 11,3 % tad-diskrepanza finanzjarja residwa għall-perjodu 2015–2016 u żiedet il-fiduċja fl-ekonomija Tuneżina (billi naqqset il-kost tal-finanzjament ibbażat fuq is-suq, u billi għenet biex tiġi stabbilizzata l-munita nazzjonali).

L-AMF-I tfasslet u ġiet implimentata **b'mod effiċjenti** u kienet **koerenti** mal-qafas ta' politika wiesa' li jiggwida r-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Tuneżija. Hemm ukoll livell għoli ta' koerenza esterna ma' interventi li ġejjin minn donaturi internazzjonali oħra. L-AMF mhux biss ikkontribwixxiet għall-"kondiviżjoni tal-piżijiet" mal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) u donaturi oħra f'termini finanzjarji, iżda wkoll riformi msaħħa promossi mill-FMI u l-Bank Dinji (BD) permezz tal-użu ta' kundizzjonalità reċiproka u kundizzjonijiet komplementari. Minkejja l-intenzjoni oriġinali li titnaqqas il-kundizzjonalità reċiproka, l-evalwazzjoni kkonfermat li l-għażla ta' konċentrazzjoni fuq oqsma ewlenin ta' riforma, anke jekk diġà ġew indirizzati xi mkien ieħor, kienet waħda ta' suċċess. Kunsiderazzjonijiet simili huma mħeġġa għal interventi futuri.

Il-**valur miżjud tal-UE** primarjament kien jikkonċerna l-benefiċċji finanzjarji mogħtija lill-ekonomija Tuneżina, bit-termini konċessjonali ħafna tas-self tal-AMF li jippermettu ffrankar fiskali u aġġustament gradwali tad-defiċit pubbliku primarju. F'ċerti oqsma ta' riforma, l-AMF żiedet approvazzjoni addizzjonali għar-riformi mmexxija mill-FMI (jiġifieri s-settur finanzjarju) u l-Bank Dinji (jiġifieri r-riformi tal-SSN), li kkontribwixxiet għall-mobilizzazzjoni sostnuta tal-awtoritajiet lokali dwar dawn il-kwistjonijiet. Barra minn hekk, l-AMF-I kienet l-uniku strument li jmexxi 'l quddiem is-sistema simplifikata tad-dikjarazzjoni tat-taxxa fuq l-introjtu (*regime forfaitaire*).

Analiżi kontrofattwali dwar l-**impatt soċjali** tal-AMF issuġġeriet li, kieku l-AMF ma kinitx ipprovduta iżda l-appoġġ tal-FMI kompla, l-effetti indiretti fuq is-sitwazzjoni soċjali fit-Tuneżija kienu jkunu limitati. L-AMF kellha aktar impatt permezz ta' *kanali diretti*, jiġifieri l-kundizzjonijiet fil-Memorandum ta' Qbil relatati mar-riformi tax-xibka ta' sikurezza soċjali.

Fl-aħħar nett, l-evalwazzjoni sabet li l-AMF-I kellha effett pożittiv fuq **is-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku tat-Tuneżija.** Din ippermettiet l-iffrankar fiskali, li rriżulta mill-kundizzjonijiet finanzjarji favorevoli ħafna tal-operazzjoni, u għenet lill-perkors ta' aġġustament tat-Tuneżija billi ħolqot spazju fiskali għal riformi oħra u għas-sostenn tal-infiq soċjali. Madankollu, minħabba d-daqs relattivament limitat tagħha, huwa improbabbli li n-nuqqas tal-AMF-I kien jaffettwa b'mod sinifikanti s-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku Tuneżin.

Bħala konklużjoni, l-AMF-I kienet rilevanti biex tappoġġa l-irkupru ekonomiku tat-Tuneżija wara r-Rivoluzzjoni ta' Jasmine fl-2011 u t-tranżizzjoni politika li segwiet, ipprovdiet iffrankar fiskali u benefiċċji finanzjarji, kif ukoll tat spinta lill-fiduċja tas-settur privat. Il-pakkett ta' kundizzjonalità tal-AMF kien allinjat bis-sħiħ mal-programm tal-FMI relatat u ħoloq effett politikament rinforzanti li kkontribwixxa għall-mobilizzazzjoni tal-awtoritajiet lokali madwar riformi kruċjali, anke f'oqsma mhux koperti minn programmi internazzjonali oħra ta' donaturi. Id-dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, li jinforma dan ir-rapport, jipprovdi valutazzjoni dettaljata u komprensiva tal-intervent tal-AMF.